

SEJĦA GĦAL ESPRESSJONI TA' INTERESS FL-INTRODUZZJONI TAL-KARTA PROFESSJONALI EWROPEA (KPE)

1.1 Sfond

Fid-9 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew ivvota t-test ta' proposta leġiżlattiva li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali. Il-Kunsill huwa mistenni wkoll li japprova l-istess test f'waħda mil-laqgħat li jmiss f'Novembru. Id-Direttiva emendatorja għalhekk se tiġi adottata fl-ewwel qari din is-sena u tidħol fis-seħħ sal-aħħar tas-sena jew fil-bidu tal-2014.

Il-Karta Professjonali Ewropea (KPE) hija waħda mill-aktar elementi importanti tad-Direttiva riveduta. Il-kunċett ta' KPE ġie żviluppat ma' organizzazzjonijiet professjonali interessati fl-2011 fil-qafas tal-[Grupp ta' Tmexxija dwar il-Karta Professjonali](#) u assistit mid-[Dikjarazzjoni ta' Krakovja](#) adottata fil-kuntest tal-forum għas-Suq Uniku li sar fit-3-4 ta' Ottubru 2011.

Il-KPE għandha l-għan li tissimplifika r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u tizzied l-effiċjenza tal-proċedura għal professjonisti li għandhom l-intenzjoni li jħaddmu professjoni regolata fi Stati Membri oħra fejn il-professjoni inkwistjoni hija regolata. Dawn l-għanijiet se jintlaħqu permezz ta' involviment akbar tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-orijini u l-użu ta' proċeduri elettroniċi.

Il-KPE huwa strument volontarju disponibbli għal dawk il-professjonijiet li jesprimu interess biex jibbenefikaw mill-vantaġġi li ġgħib magħha l-karta. L-introduzzjoni tal-karta hija madankollu suġġetta għall-kundizzjonijiet stretti li ġejjin (l-Artikolu 4a (7)):

- “(a) ikun hemm mobbiltà sinifikanti jew potenzjal għal mobbiltà sinifikanti fil-professjoni kkonċernata;
- (b) ikun hemm biżżejjed espressjoni ta' interess mill-partijiet interessati rilevanti;
- (c) il-professjoni jew l-edukazzjoni u t-taħriġ intiż għat-tħaddim tal-professjoni jkun regolat f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri.”

Dawn il-kundizzjonijiet iridu jiġu interpretati fid-dawl tal-Premessa 4 tad-Direttiva li tipprevedi li l-introduzzjoni tal-KPE “għandha tkun preċeduta minn valutazzjoni tal-adegwatezza tagħha għall-professjoni kkonċernata u tal-impatt tagħha fuq l-Istati Membri”. Erba' professjonijiet (tobba, infermiera, inġiniera u l-gwidi tal-muntanji) mis-sebġha li pparteċipaw fil-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Karta Professjonali diġà esprimew l-interess tagħhom li jaħdmu mal-Kummissjoni fuq l-introduzzjoni tal-KPE għall-professjonijiet tagħhom. Dawn il-professjonijiet ma għandhomx għalfejn iwieġbu għal din is-sejħa għal interess. Il-Kummissjoni hija interessata li tifhem jekk professjonijiet oħra humiex interessati li jipparteċipaw faktar xogħol komuni li jwassal għall-iżvilupp ta' Karta Professjonali Ewropea għall-professjoni tagħhom.

L-introduzzjoni tal-KPE teħtiegħ att ta' implimentazzjoni li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-kriterji stabbiliti hawn fuq u se tippromovi l-introduzzjoni tal-KPE f'każijiet fejn dawn il-kriterji jintlaħqu kompletament minn professjoni partikolari.

Il-KPE se tiegħu l-forma ta' ċertifikat elettroniku skambjat bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti kkonċernati permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (Internal Market Information System - IMI). Il-KPE se tkun disponibbli kemm għall-forniment temporanju jew okkażjonali ta' servizzi kif ukoll għall-istabbiliment.

Fil-każijiet ta' stabbiliment fi Stat Membru ieħor jew ta' forniment temporanju ta' servizzi għal professjonijiet li jirrigwardaw is-saħħa u s-sikurezza, l-Istat Membru ospitanti jieħu d-deċiżjoni finali dwar il-ħruġ tal-KPE. Madankollu, jekk l-Istat Membru ospitanti jonqos milli jagħmel dan fi żmien l-iskadenzi stabbiliti fid-Direttiva, il-KPE tinħareġ b'mod awtomatiku u l-kwalifiki professjonali jiġu awtomatikament rikonoxxuti. L-għarfien taċitu jieħu post id-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, iżda dan ma jagħtix aċċess immedjat għas-suq tax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti. Il-professionist xorta jista' jkun meħtiegħ jikkonforma ma' obbligi oħra eżistenti ta' reġistrazzjoni u, f'ċerti każijiet, jagħti prova tal-għarfien tiegħu tal-lingwi.

F'każijiet ta' forniment temporanju jew okkażjonali ta' servizzi għal professjonijiet li ma jirrigwardawx is-saħħa u s-sikurezza, il-KPE tkun maħruġa mill-Istat Membru tad-domiċilju u tiegħu post id-dikjarazzjoni, li tista' tkun meħtiegħa mill-Istat Membru ospitanti. F'dan il-każ, il-karta tkun tkopri l-forniment ta' servizzi għal 18-il xahar u tkun valida fit-territorju kollu tal-Istati Membri li għalih tkun ġiet mitluba. Il-professionist jkun jista' jitlob KPE għal Stat Membru wieħed jew aktar.

Proċess

Il-KPE għandha ssir disponibbli għall-professjoni interessata sa mill-iskadenza tal-perjodu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva, probabbilment fil-bidu tal-2016. Għal dan l-għan, il-preparazzjoni ta' att ta' implimentazzjoni li jintroduċi l-KPE għandu jiġi ffinalizzat sa tmiem l-2014 sabiex jippermetti l-iżvilupp tekniku, l-ittestjar u t-taħriġ li jridu jitwettqu qabel jagħlaq il-perjodu ta' traspożizzjoni. Il-karta tista' għalhekk tiddaħħal għal għażla inizjali ta' professjonijiet filwaqt li ma jkunx eskluż li din tista' ssir disponibbli anke għal professjonijiet oħra fi stadju iktar tard.

Fuq dan l-isfond, il-Kummissjoni qed tippubblika din is-sejħa għal interess li fiha qed tistieden l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet professjonali rappreżentattivi fil-livell nazzjonali u tal-UE biex jindikaw l-interess tagħhom fl-introduzzjoni tal-Karta Professjonali Ewropea. Ladarba l-professionijiet interessati huma identifikati, il-Kummissjoni bi ħsiebha twaqqaf grupp focus biex ikollu rwol attiv fid-diskussjonijiet li se jsiru rigward il-funzjonament tal-KEP. Il-grupp ikun jikkonsisti fi ~ 30 parteċipant (skont l-għadd ta' professjonijiet interessati fl-ewwel ċiklu ta'

diskussjoni), inklużi rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet professjonali fil-livell tal-UE kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Skont kemm hemm professjonijiet interessati, l-KPE tista' tiġi introdotta f'diversi stadji. Fi kwalunkwe każ qed nipprevedu proċess kontinwu u l-professjonijiet se jkollhom ukoll il-possibbiltà li jinnotifikaw l-interess tagħhom fil-ġejjieni, u dan potenzjalment iwassal biex eventwalment il-karta tiġi introdotta għal professjonijiet ġodda.

Tagħrif dwar kif tapplika

Biex japplikaw, l-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet professjonali fuq livell nazzjonali u tal-UE huma mistiedna jibagħtu espressjoni ta' interess ma' spjegazzjoni dwar kif il-professjoni kkonċernata tissodisfa l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva lil MARKT-E4-EPC@ec.europa.eu mhux aktar tard mit-22 ta' Novembru 2013. L-organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet professjonali li japplikaw għal KPE huma wkoll mistiedna biex fil-qosor jippreżentaw l-istruttura tagħhom sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tevalwa l-kapaċità ta' rappreżentanza tagħhom.